DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-11 ta' Diċembru 2013

dwar in-notifika mir-Repubblika tal-Litwanja ta' pjan nazzjonali tranżitorju msemmija fl-Artikolu 32 tad-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-emissjonijiet industrijali

(notifikata bid-dokument C(2013) 8636)

(It-test Litwan biss huwa awtentiku)

(2013/751/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar l-emissjonijiet industrijali (il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis) ([1]), u b'mod partikolari t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 32(5) tagħha,

Billi:

(1) Skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 32(5) tad-Direttiva 2010/75/UE, ir-Repubblika tal-Litwanja ppreżentat lill-Kummissjoni l-pjan nazzjonali tranżitorju tagħha (TNP) fil-31 ta' Diċembru 2012 ([2]).

(2) Matul il-valutazzjoni tagħha dwar il-kompletezza tat-TNP, il-Kummissjoni sabet li xi impjanti inklużi fit-TNP ma kinux jaqblu ma' dawk fl-inventarju tal-emissjonijiet ippreżentat mir-Repubblika tal-Litwanja skont id-Direttiva 2001/80/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]). Għalhekk, permezz tal-ittra tat-12 ta' Ġunju 2013 ([4]), il-Kummissjoni talbet lill-awtoritajiet Litwani biex jiċċaraw dawk id-diskrepanzi, biex jikkonfermaw li d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 29 tad-Direttiva 2010/75/UE kienu ġew applikati korrettement fit-tfassil tat-TNP, u biex jipprovdu d-dejta nieqsa dwar impjant individwali.

(3) Ir-Repubblika tal-Litwanja ppreżentat informazzjoni addizzjonali lill-Kummissjoni permezz tal-ittra tas-26 ta' Ġunju 2013 ([5]).

(4) Wara valutazzjoni oħra tat-TNP u l-informazzjoni addizzjonali, il-Kummissjoni bagħtet it-tieni ittra lir-Repubblika tal-Litwanja fit-23 ta' Lulju 2013 ([6]) flimkien mat-talba biex tiċċara r-raġunijiet tal-applikazzjoni tal-valur ta' limitu tal-emissjonijiet fuq ħames impjanti msemmija fin-nota 5 tat-Tabella C1 tal-Appendiċi C tal-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2012/115/UE ([7]).

(5) Permezz tal-ittra tal-20 ta' Awwissu 2013 ([8]), ir-Repubblika tal-Litwanja ppreżentat l-informazzjoni addizzjonali dwar il-kontenut tal-irmied tal-fjuwil użat f'xi impjanti koperti mit-TNP.

(6) Permezz tal-ittra tas-27 ta' Settembru 2013 ([9]), il-Kummissjoni talbet aktar kjarifiki u li tingħata d-dejta kollha, f'konformità mal-informazzjoni mitluba fid-Deċiżjoni 2012/115/UE.

(7) Bl-imejl tat-3 ta' Ottubru 2013 ([10]), ir-Repubblika tal-Litwanja pprovdiet ċertifikati oħra tal-kompożizzjoni taż-żejt tqil tal-fjuwil u kkonfermat li l-informazzjoni kollha disponibbli ngħatat lill-Kummissjoni u li l-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni tal-ELV stabbiliti fin-nota 5 tat-Tabella C1 tal-Appendiċi C tal-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2012/115/UE kienu sodisfatti għall-ħames impjanti konċernati.

(8) Għalhekk it-TNP ġie vvalutat mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 32(1), (3) u (4) tad-Direttiva 2010/75/UE u skont id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2012/115/UE.

([1]) ĠU L 334, 17.12.2010, p. 17.
([2]) In-notifika mir-Repubblika tal-Litwanja waslet permezz ta' ittra tal-31 ta' Diċembru 2012 irreġistrata bir-referenza Ares(2013)14208
([3]) Id-Direttiva 2001/80/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2001 dwar il-limitazzjoni tal-emissjonijiet ta' ċerti tniġġis fl-arja minn impjanti kbar tal-kombustjoni (ĠU L 309, 27.11. 2001, p.1)
([4]) Ares(2013)1636798
([5]) Ares(2013)2499624
([6]) Ares(2013)2741492
([7]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2012/115/UE tal-10 ta' Frar 2012 li tistabbilixxi regoli dwar il-pjanijiet nazzjonali tranżizzjonali msemmija fid-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-emissjonijiet industrijali (ĠU L 52, 24.2.2012, p.12)
([8]) Ares(2013)3085715
([9]) Ares(2013)3122034
([10]) Ares(2013)3183202

(9) B'mod partikolari, il-Kummissjoni eżaminat il-konsistenza u l-korrettezza tad-dejta, tas-suppożizzjonijiet u tal-kalkoli użati biex ġew determinati l-kontribuzjzonijiet ta' kull impjant ta' kombustjoni kopert mit-TNP għal-limiti massimi tal-emissjonijiet stabbiliti fit-TNP, u analizzat jekk dan jinkludix l-għanijiet u l-miri relatati, il-miżuri u l-iskedi biex jintlaħqu dawn l-għanijiet u l-mekkaniżmu ta' monitoraġġ sabiex jivvaluta l-konformità fil-futur.

(10) Barra l-informazzjoni addizzjonali ppreżentata, il-Kummissjoni sabet li l-limiti massimi tal-emissjonijiet għas-snin 2016 u 2019 ġew ikkalkulati skont użu ta' dejta u formoli xierqa u li l-kalkoli kienu korretti. Ir-Repubblika tal-Litwanja tat biżżejjed informazzjoni rigward il-miżuri li se jiġu implimentati sabiex jintlaħqu l-limiti massimi tal-emissjonijiet, il-monitoraġġ u r-rappurtar lill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tat-TNP.

(11) Il-Kummissjoni hija sodisfatta li l-awtoritajiet Litwani ħadu inkonsiderazzjoni d-dispożizzjonijiet elenkati fl-Artikolu 32(1), (3) u (4) tad-Direttiva 2010/75/UE u fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2012/115/UE.

(12) L-implimentazzjoni tat-TNP għandha tkun bla ħsara għal liġijiet oħra applikabbli, nazzjonali u tal-Unjoni. B'mod partikolari, meta jiġu ffissati l-kondizzjonijiet għall-permess individwali għall-impjanti tal-kombustjoni koperti bit-TNP, ir-Repubblika tal-Litwanja għandha tiżgura li l-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti, *inter alia*, fid-Direttiva 2010/75/UE, id-Direttiva 2008/50/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1] u d-Direttiva 2001/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [2] ma tkunx perikolata.

(13) L-Artikolu 32(6) tad-Direttiva 2010/75/UE jitlob lir-Repubblika tal-Litwanja biex tinfurma lill-Kummissjoni dwar kull bidla sussegwenti fit-TNP. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta jekk dawk il-bidliet jikkonformawx mad-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 32(1), (3) u (4) tad-Direttiva 2010/75/UE u mad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2012/115/UE.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. Fuq il-bażi tal-Artikolu 32(1), (3) u (4) tad-Direttiva 2010/75/UE u tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2012/115/UE, ma tqajmux oġġezzjonijiet kontra l-pjan nazzjonali tranżitorju, li r-Repubblika tal-Litwanja nnotifikat bih lill-Kummissjoni fil-31 ta' Diċembru 2012 skont l-Artikolu 32(5) tad-Direttiva 2010/75/UE, kif emendata skont l-informazzjoni addizzjonali mibgħuta fis-26 ta' Ġunju 2013, fl-20 ta' Awwissu 2013 u fit-3 ta' Ottubru 2013 [3].

2. Il-lista tal-impjanti koperti mill-pjan nazzjonali tranżitorju, il-kontaminanti li għalihom dawk l-impjanti huma koperti, u l-limiti massimi ta' emissjoni applikabbli huma stipulati fl-Anness.

3. L-implimentazzjoni tal-pjan nazzjonali tranżitorju mill-awtoritajiet Litwani ma għandhiex teżenta lir-Repubblika tal-Litwanja mill-konformità mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2010/75/UE li jikkonċernaw l-emissjonijiet minn impjanti individwali ta' kombustjoni koperti mill-pjan, u ma' korpi rilevanti oħrajn tal-liġi ambjentali tal-Unjoni Ewropea.

Artikolu 2

Il-Kummissjoni għandha tivvaluta jekk xi bidliet sussegwenti fil-pjan nazzjonali tranżitorju notifikati mir-Repubblika tal-Litwanja, jikkonformawx mad-dispożizzjonijiet elenkati fl-Artikolu 32 (1), (3) u (4) tad-Direttiva 2010/75/UE u fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2012/115/UE.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hi indirizzata lir-Repubblika tal-Litwanja.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Diċembru 2013.

Għall-Kummissjoni

Janez POTOČNIK

Membru tal-Kummissjoni

[1] Id-Direttiva 2008/50/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2008 dwar il-kwalità tal-arja fl-ambjent u arja iktar nadifa għall-Ewropa (ĠU L 152, 11.6.2008, p. 1)

[2] Id-Direttiva 2001/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2001 dwar il-livelli nazzjonali massimi tal-emissjonijiet ta' ċerti inkwinanti atmosferiċi (ĠU L 309, 27.11.2001, p. 22)

[3] Il-verżjoni konsolidata tat-TNP ġiet irreġistrata mill-Kummissjoni fit-30 ta' Ottubru 2013 taħt in-numru ta' reġistrazzjoni Ares(2013)3408081.

ANNESS

Lista ta' impjanti inklużi fit-TNP

Numru	L-isem tal-impjant fit-TNP	Il-kapaċità termali kklassifikata totali fil-31.12.2010 (MW)	Is-sustanzi li jniġġsu koperti bit-TNP		
			SO_2	NO_x	trab
1	Termofikacinė elektrinė Nr. 2 (E-2), taršos šaltinis Nr. 001 Elektrinės 2, LT-03150 Vilnius	444	√	√	√
2	Termofikacinė elektrinė Nr. 2 (E-2), taršos šaltinis Nr. 002 Elektrinės 2, LT-03150 Vilnius	438	√	√	√
3	Termofikacinė elektrinė Nr. 3 (E-3), taršos šaltinis Nr. 001 Jočionių 13, LT-02300 Vilnius	1 098	√	√	√
4	Ateities rajoninė katilinė Nr. 8 (RK-8), taršos šaltinis Nr. 001	349	√	√	√
5	Alytaus RK taršos šaltinis Nr. 001	330,5	√	√	√
6	Marijampolės RK taršos šaltinis Nr. 001	158,8	√	√	√
7	Kauno elektrinė, taršos šaltinis Nr.001	1 334	—	√	—

Limiti massimi tal-emissjonijiet (tunnellati)

	2016	2017	2018	2019	1.1 – 30.6.2020
SO_2	793	637	480	324	162
NO_x	2 149	1 733	1 317	900	450
trab	94	76	57	39	20